PARLAMENT TA' MALTA

IT-TLETTAX-IL LEĠIŻLATURA

P.L. 4165

Dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Numru 279 tas-6 ta' Novembru 2019 mill-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia.

___________________________

Raymond Scicluna
Skrivan tal-Kamra

**LAQGĦAT TAL-KUMITAT PARLAMENTARI GĦAS-SAĦĦA**

**41. L-ONOR. GODFREY FARRUGIA JISTAQSI LILL-ISPEAKER:** B'referenza għall-mistoqsija parlamentari 11948, tista' s-Sedja tgħid x'inhi r-raġuni għalfejn il-Kumitat Parlamentari dwar is-Saħħa ma ltaqax din is-sena? Jista' jgħid x'inhi r-raġuni għalfejn it-talba tiegħi li ġiet aċċettata miċ-Chairperson nhar l-4 t'April biex jiġi diskuss "il-5G u t-telefonati ċellulari u l-mod kif jaffettwa s-saħħa u l-benessere tal-bniedem" qatt ma tressqet?

15.11.19

**SPEAKER (L-Onor. Anġlu Farrugia):** Kif esprimiet ruħha diversi drabi fid-deċiżjonijiet tagħha, is-Sedja dejjem tħalli ċ-Chairpersons tal-Kumitati fil-libertà dwar kif imexxu l-istess Kumitati. Fl-istess ħin, is-Sedja dejjem esprimiet ruħha favur ħidma dejjem aktar sfieqa mill-Kumitati tal-Kamra però tapprezza d-diffikultajiet – anke minħabba d-disponibilità tal-Membri - li kultant jiltaqa' magħhom Kumitat meta jiġi biex jittratta l-materji li jkunu jaqgħu taħt il-mandat tiegħu skont l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra.

Is-Sedja f'dan ir-rigward tinnota li għalkemm jidher li l-Kumitat inkwestjoni ma tantx irnexxielu jiltaqa', is-Sotto Kumitat tiegħu dwar id-Dijabete ltaqa' nhar l-Erbgħa, 13 ta' Novembru 2019 fejn kien hemm parteċipazzjoni ferm ħajja kemm mill-Membri kif ukoll mill-pubbliku.

Tinnota wkoll li fir-rigward talba tiegħu biex tiġi diskussa l-materja tat-telefonija 5G u telefonija ċellulari oħra u l-mod kif dawn jaffettwaw is-saħħa u l-benessere tal-bniedem, ninforma lill-Onor. Membru li l-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa se jkun qed jittratta din il-materja nhar l-Erbgħa, 20 ta' Novembru 2019 fl-4.30 pm.

Is-Sedja tawgura li r-ritmu li jidher li issa qabad dan il-Kumitat ikompli għaliex tara li dan jista' jikkontribwixxi għat-tisħiħ tad-demokrazija parlamentari fejn il-pubbliku jingħata opportunità jesprimi l-veduti tiegħu mad-Deputati li jirrappreżentawh fil-Parlament.

Seduta 279
18.11.19